MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Numru 19/2003

**Artikolu 3(1), 3(1a), 8(1), 9(1) tal-Kap 66,**
**l-artikolu 60(a)(b)(c)(u), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(l)(k) tal-Kap 37 u**
**l-Att XII tal-1997 dwar t-Taxxa u Sisa tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**
**V**

**ALFRED THEUMA**

**Seduta ta' llum 27 ta' Frar 2003**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ALFRED THEUMA** ta' disgha w tletin sena, bin Charles u Josephine nee Attard, imwieled l-

Hamrun nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju, 1962 u joqghod 91, 'Theuma House', Triq il-Karmnu, Zabbar, detentur ta' karta tal-identita` numru 522462(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli gewwa Haz Zabbar fit-tmienja ta' Marzu 2002 u fix-xhur ta' qabel;

1. kellu fil-pusses tieghu jew taht l-kontroll tieghu, kif wkoll zamm arma tan-nar u cioe revolver ta' ditta mhux maghrufa, u numru ta' serie mhux maghruf, minghajr licenzja marhuga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;
2. talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess zmien u cirkostanzi bhala persuna li gie fil-pussess tal-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih li jaghti aviz lil Kummissarju tal-Pulizija;
3. talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe fix-Xghajra ta' Haz Zabbar, fl-istess data u cirkostanzi, spara arma tan-nar u cioe revolver tal-ghamla mhux maghrufa f'post abitat u pubbliku, ghaldaqstant mhux 'l barra minn mitejn metru mill-abitat;
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif wkoll zamm u garr arma regolari kif wkoll munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, revolver ta' marka mhux maghrufa, kalibru .22 b'numru ta' serie mhux maghruf, kif wkoll munizzjon ghall-istess arma msemmija u cioe tlettax il-balla ta' kalibru .22 li fuqhom id-dazju ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat u li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita u/jew ristretta, liema oggetti ghandhom Valur ta' LM15 u lira u LM1.30 rispettivament u Dazju ta' LM1.005 u LM0.060 rispettivament; u
6. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, nstab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu revolver ta' marka u serie mhux maghrufa kif wkoll munizzjon ghall-istess arma msemmija u cioe tlettax il-balla ta' kalibru .22 li l-importazzjoni taghhom hija

pprojbita u/ew ristretta u li fuqhom kellha tithallas t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud liema taxxa tammonta ghal LM2.604, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.
Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-fiat tal-Kummmissarju tal-VAT datat tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2002 markat bhala dokument CSH 3 fl-atti odjerni, u l-fiat tal-Kontrollur tad-Dwana datat tmintax ta' Settembru 2002 markata bhala dokument CSH 4 u dan sabiex jigu inizjati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u dan fl-ewwel seduta u cioe nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 waqt li sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tat zmien konsiderevoli lil imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u dan wara li spjiegatlu l-import tal-akkuzi u l-konsegwenzi taghha.

Illi dan nonostante l-imputat zamm ferm mal-ammissjoni tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti ghalhekk m'ghandhix triq ohra salv li ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(1), 3(1a), 8(1), 9(1) tal-Kap 66, l-artikolu 60(a)(b)(c)(u), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(I)(k) tal-Kap 37 u l-Att XII tal-1997 dwar t-Taxxa u Sisa tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset il-verbal maghmul fl-atti nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003 b'mod partikolari dak li qalet il-Prosekuzzjoni u cioe li l-imputat kkopera bis-shih maghha tant li hafna mill-akkuzi odjerni gew moghtija lil imputat minhabba l-kontenut tal-istqarrija tieghu.

L-imputat irrilaxxja stqarrija voluntarja nhar t-tmienja ta' Marzu 2002 esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 6 u minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta l-ko-operazjoni totali tal-imputat mal-Prosekuzzjoni u dan sa mill-bidu nett

u cioe mill-mument tal-investigazzjoni, tant li sahansitra anke ghadda r-revolver lil Pulizija dakinhar stess, liema revolver gie esibit fil-Qorti.  L-imputat wkoll fl-istqarrija jghid li spara darba biss fix-Xghajra ta' Haz Zabbar.

Dwar il-piena il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti markata bhala dokument CSH 1 u minn ezami akkurat taghha jirrizulta illi l-imputat tressaq il-Qorti mill-inqas sebgha darbiet apparti il-proceduri in dezamina, u dan in konnessjoni ma kontravenzjonijiet, apparti okkazzjoni wahda meta nstab hati ta' serq ta' ilma ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi bhala piena huwa gie kkundannat jhallas diversi amendi u multi u darba minnhom gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi l-Qorti rat li piena karcerarja hija tassattiva f'dan il-kaz u dan a bazi ta' dak li jiddisponi l-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti pero thoss li tali piena m'ghandhix tkun immedjata izda sospiza u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

**Il-Qorti ghaldaqstant, wara li tiddikjara li ssib l-imputat ALFRED THEUMA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati kontra tieghu, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ xahrejn sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Oltre dan tikkundanna lil imputat ALFRED THEUMA jhallas multa ta' tlieta w tletin lira sitta w sittin centezmu u hames millezmi rappresentanti dazju mhux imhallas u zewg liri u sittin centezmu u erbgha millezmi l-VAT mhux imhallas u cioe b'kollox l-ammont ta' sitta w tletin lira sitta w ghoxrin centezmu u hames millezmi, liema multa ghandha tithallas fi zmien gimgha minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma esibit f'dawn l-atti u cioe revolver, favur il-Gvern ta’ Malta.**

**Tordna wkoll li l-imputat jigi skwalifikat milli jottjeni jew jikseb licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jgorr jew izomm arma tan-nar jew strument bil-ponta u jaqta ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**Il-Qorti spjegat it-tifsira u l-import ta’ din is-sentenza lil imputat u x’jigri f’kaz li l-imputat jonqos li josservha.**

**L-imputat minn naha tieghu jiddikjara li fehem l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi jekk jonqos li josservha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------